MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2008

Citazzjoni Numru. 495/2007

**A**

**-vs-**

**B u; Dr. Patrick Valentino u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici li b'digriet tas-16 ta' Jannar, 2008 ġew nominati bħala Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw l-interessi tal-minuri C u; d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-18 ta' Diċembru, 2007 li permezz tiegħu l-attur espona bir-rispett u bil-ġurament tiegħu ddikjara:

<u>Dikjarazzjoni tal-Fatti</u>

1. Illi r-rikorrent kellu relazzjoni mal-konvenuta B, u minn din ir-relazzjoni twieled tarbija, C, fid-29 ta’ Awissu tas-sena 2007, ċertifikat ta’ twelid hawn anness – (Dok. A).

2. Illi mill-Att tat-twelid tal-minuri C jirriżulta li fil-kolonna ta’ l-“Isem u Kunjom Missier it-Tarbija” ġew reġistrati l-kelmiet: “*unknown father*” *ossia* “missier mhux magħruf” u dan skond iċ-ċertifikat tat-twelid hawn anness – (Dok. A).

3. Illi l-konvenuta B ma hijiex qed taċċetta li r-rikorrent isir magħruf bħala l-missier naturali ta’ l-istess minuri u lanqas ma hija qed tħalli lir-rikorrent jara lil ibnu, li fil-fatt huwa ilu ma jara minn meta kellu ġimagħtejn.

<u>Raġuni għat-Talbiet f’dawn il-Proċeduri</u>

1. Illi r-rikorrent jixtieq illi jiġi reġistrat bħala l-missier naturali tal-minuri C.

2. Illi omm il-minuri B ġiet notifikata b’ittra uffiċċjali datata 8 ta’ Ottubru tas-sena 2007 mir-rikorrent, fejn huwa ddikjara li huwa kien bi ħsiebu japplika biex jiġi reġistrat bħala l-missier naturali ta’ l-imsemmija minuri, u dan skond l-Artiklu 86 tal-Kapitlu 16 tal-liġijiet ta’ Malta, iżda hija baqgħet ma weġbitx għal iktar minn xahrejn.

3. Illi r-rikorrent jixtieq illi huwa jkollu l-opportunita’ li jiġi rikonoxxut bħala l-missier u li jkollu l-opportunita’ li jibni relazzjoni ma’ l-istess ibnu C.

<u>Talbiet Attriċi</u>

Għaldaqstant ir-rikorrent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara li l-missier naturali ta’ l-attriċi huwa r-rikorrent A, *ai termini* ta’ l-Artiklu 86 tal-Kapitlu 16;

2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex fl-Att tat-twelid ta' l-attriċi li huwa jikkanċella l-kliem "*unknown father*" mill-kolonna ta' l-"Isem u Kunjom missier it-tarbija" u jissostitwihom bil-kliem "A";

3. Tieħu dawk il-passi neċessarji, fosthom illi tiffissa l-aċċess biex ir-rikorrent ikun jista' jara lil ibnu C u dan peress illi l-omm qatgħet kull komunikazzjoni miegħu.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta minn issa nġunta għas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u l-lista tad-dokumenti.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta B, ippreżentata fil-15 ta' Mejju, 2008, li permezz tagħha esponiet bir-rispett u bil-ġurament ikkonfermat:

1. Illi l-esponenti taqbel ma' l-ewwel talba attriċi peress li t-tifel C hu iben naturali ta' A.

2. Illi l-esponenti taqbel mat-tieni talba attriċi *purche* l-kunjom tal-minuri jibqa' 'Cassar'.

3. Illi t-tielet talba attriċi m'hijiex sostenibbli legalment peress li proċeduralment l-attur irid jipproċedi l-ewwel bi proċeduri ta' medjazzjoni għall-fini ta' din it-talba.

4. Illi l-eċċipjenti ma ċaħditx li l-attur hu missier it-tarbija u dawn il-proċeduri setgħu ġew faċilment evitati bi ftehim bejn il-partijiet b'att notarili opportun. Fil-fatt hi ma ngħatat ebda pre-avviż li l-attur kien ser jipproċedi f'din l-istanza u għalhekk m'għandhiex tbati ebda spejjeż.

5. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

6. Bl-ispejjeż kontra l-attur inġunt minn issa stess in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-Kuraturi Deputati, ippreżentata fid-19 ta' Mejju, 2008, li permezz tagħha esponew bir-rispett:

1. Illi huma ma humiex edotti mill-fatti tal-kawża pero' jirriservaw illi jippreżentaw risposta ġuramentata ulterjuri u aktar xhieda meta u jekk jirnexxielhom jottjenu aktar informazzjoni dwar il-każ odjern.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata ta' l-intimat id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, ippreżentata fis-27 ta' Mejju, 2008, li permezz tagħha espona bir-rispett u bil-ġurament tiegħu ddikjara u kkonferma s-segwenti:

1. Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent m'huwiex edott mill-fatti kif allegati fir-rikors ġuramentat u għalhekk jirrimetti ruħu għall-provi dwar it-talbiet, inkluż dawk it-testijiet xjentifiċi neċessarji, għall-ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrent għandu jispeċifika d-dettalji personali kollha tiegħu sabiex jekk it-talbiet tar-rikorrent jintlaqgħu, dawn id-dettalji jkunu jistgħu jiġu nseriti fl-Att tat-Twelid in kwistjoni flimkien mad-dettalji l-oħra. *Inoltre*, jekk jintlaqgħu t-talbiet attriċi l-kunjom tal-minuri għandu jiġi korrett.

3. Illi fir-rigward tat-tielet talba dedotta fir-rikors ġuramentat l-esponent jirrileva li m'huwiex il-leġittimu kontradittur.

4. Illi fit-talbiet tar-rikors għandu jiġi speċifikat in-numru progressiv ta' iskrizzjoni ta' l-Att tat-Twelid li huwa ____ tas-sena ____.

5. Illi l-esponent jinnota li fil-kopja tar-rikors ġuramentat li ġie notifikat lilu d-dettalji tal-prokuratur legali li ġie nominat bħala kuratur deputat flimkien ma' Dr.

Patrick Valentino sabiex jirrappreżentaw l-interessi tal-minuri C m'humiex speċifikati.

6. Illi għandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* ta' l-Artiklu 254 tal-Kapitlu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

7. Illi fi kwalunkwe każ it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid m'huwiex attribwibbli għal xi nuqqas ta' l-intimat, li għaldaqstant m'għandux jiġi soġġett għall-ispejjeż ta' l-istanti.

8. Salv eċċezzjonijiet oħra.

Tant għandu x'jissottometti l-esponent għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat l-atti proċesswali u senjatament il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern kif titlob il-liġi.

Rat il-verbal tas-seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2008 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jitlob dikjarazzjoni li t-tarbija li kellha l-konvenuta B u reġistrata bħala iben missier mhux magħruf hija tiegħu, u l-konvenuta msemmija ammettiet it-talba.

Din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet <u>Josianne Giusti vs Pierre Giusti et</u> deċiża fis-16 ta' Frar, 2001 kienet qalet hekk:

"*Illi fil-mertu jirriżulta li fiż-żmien li setgħet tiġi konċepita t-tarbija l-attriċi kellha relazzjoni mal-konvenut fl-istess waqt li f'dak iż-żmien ma kellhiex x'taqsam mar-raġel tagħha. Din il-Qorti rriteniet illi din il-prova hija sufficjenti biex jiġi sodisfatt il-kriterju stabbilit fl-Artiklu 77 tal-Kodiċi Civili (<u>Spiteri pro et noe vs Cilia et</u>, fost oħrajn, 30 ta' Jannar, 1998). Finalment hemm l-ammissjoni ta' l-omm li minkejja*

*li waħedha mhux biżżejjed (Artiklu 70 (2) tal-Kodiċi Ċivili), meħuda ma' dawn iċ-cirkostanzi l-oħra telimina kull dubju f'moħħ il-Qorti dwar il-paternita' tat-tarbija.*"

Il-Qorti għandha l-istess konvinċiment f'din il-kawża u ma hemm ebda dubju dwar it-talba ta' l-attur, u anke f'dan il-każ hemm ammissjoni ċara. Dwar it-talba għall-aċċess pero' l-Qorti ma tistax tippronunzja ruħha għaliex l-attur ma mexiex skond l-Avviż Legali 397 ta' l-2004 u ressaq il-każ għall-medjazzjoni.

Rigward l-eċċezzjonijiet tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku l-Artiklu 254 ġie sodisfatt billi l-pubblikazzjoni saret.

Il-konvenuta talbet li t-tifel ikun magħruf bil-kunjom 'AB', u jidher ċar mill-Artiklu 92 tal-Kapitlu 12 li kunjom il-missier jista' jiżdied wara dak ta' l-omm u għalhekk il-Qorti ser tordna li l-kunjom tat-tifel ikun 'AB'.

**Għaldaqstant il-Qorti tilqa' l-ewwel u t-tieni talbiet attriċi b'dan li l-minuri jkun magħruf bil-kunjom 'AB' u tordna li l-konnotati ta' l-attur ikunu dawk indikati minnu fil-verbal ta' l-10 ta' Ottubru, 2008. Tillibera lill-konvenuti mill-osservanza tal-ġudizzju fir-rigward tat-tielet talba.**

**L-ispejjeż jitħallsu mill-attur u l-konvenuta B solidalment bejniethom.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------